**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 290/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**(Spettur Ryan Vella)**

**Vs**

**Nikita Mc Anally**

**Illum 25 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Nikita Mc Anally, ta' tmienja u għoxrin (28) sena, bint Dan u Theresa neè Sciberras, imwielda l-Pietà fl-24 ta' Frar 1993 u detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 103893(M), talli b'diversi atti magħmulin minnha stess, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u cioè talli fix-xahar t'April 2021 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer:

1. Kisbet xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha nnifsha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument mhux maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 188(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Għamlet falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-Artikoli 188 et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioè isem fittizju fuq *bank statement* u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. B'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingannat, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor għad-dannu ta' Twanny Zammit u/jew persuni u/jew entitajiet oħra u dana bi ksur ta' l-Artikolu 308 u 310(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Għamlet qligħ b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għad-dannu ta' Twanny Zammit u/jew persuni u/jew entitajiet oħra u dana bi ksur ta' l-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli nhar is-16 ta' April 2021 għall-ħabta tal-17:30hrs ġewwa l-ħanut "Hansa Wines and Spirits" fi Triq Barnaba, San Pawl il-Baħar:

5. Għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi għad-dannu ta' Noel Scicluna u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Xjentement għamlet użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel dan is-sub-titolu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. B'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingannat, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor għas-somma ta' elf Euro (€1,000) għad-dannu ta' Franco Farrugia u/jew persuni u/jew entitajiet oħra u dana bi ksur ta' l-Artikolu 308 u 310(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Għamlet qligħ b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għad-dannu ta' Franco Farrugia u/jew persuni u/jew entitajiet oħra u dana bi ksur ta' l-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli nhar is-16 ta' April 2021 u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer:

9. Xjentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa u cioè cheque book meħud b'qerq jew akkwistat b'reat, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħlet biex tbiegħ jew tmexxih u dana bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Finalment akkużata wkoll talli fix-xahar ta' April 2021 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer:

10. Naqset milli tħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqha nhar il-11 ta' Ottubru 2012 b'Digriet mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. u sussegwentement emendat nhar is-17 ta' Marzu 2016 mill-Onor. Imħallef Antonio Mizzi LL.D. u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. Naqset milli tħares xi waħda, u/jew aktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqha nhar l-10 ta' Novembru 2019 b'Digriet mill-Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera LL.D. u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta u dan ai temrini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' ħtija, tikkonsidra lill-imputata Nikita Mc Anally bħala reċidiva b'sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidu u dan ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti ai termini ta' l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "JR1" sa' Dok. "JR7" a fol. 9 sa' 41 tal-proċess;

Rat li l-imputata oriġinarjament wieġbet li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha[1] iżda imbagħad fis-seduta tat-2 ta' Awwissu 2021[2], hija rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Jonathan Ransley mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju 2021[3] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "JR8" a fol. 55 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Anthony Zammit mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2021[4] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "AZ" a fol. 70 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Charmaine Zammit[5], in rappreżentanza ta' Epic Communications Limited, u ta' Franco Farrugia[6] entrambe mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2021 u rat id-dokument esebit minn Charmaine Zammit markat Dok. "CZ1" a fol. 80 sa' 86 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minn Franco Farrugia markati DOk. "FF1" sa' Dok. "FF3" a fol. 93 sa' 96 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Godwin Scerri mogħtija waqt is-seduti tat-12 ta' Lulju 2021[7] u tat-2 ta' Awwissu 2021[8] u rat il-mobile esebit minnu markat Dok. "GS1", liema esebit għandu Esebit Nru. KA 230/2021 a fol. 105 tal-proċess, u rat id-dokument, ossia sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Antonella Carter Olivari" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-26 ta' April 2021, ukoll esebita mill-Ispettur Godwin Scerri markata Dok. "GSX" a fol. 127 sa' 130 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Ryan Vella[9] u ta' Noel Scicluna[10] mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Lulju 2021 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Ryan Vella markati Dok. "RV1" sa' Dok. "RV7" a fol. 111 sa' 119 tal-proċess[11] u semgħet ix-xhieda ta' Dr. Katya Vassallo mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021 u rat it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija awdio-viżiva ta' l-imputata mħejjija minn Dr. Vassallo markata Dok. "KV" a fol. 139 sa' 172 tal-proċess;

[1] Fol. 42 tal-proċess.
[2] Fol. 124 tal-proċess.
[3] Fol. 47 sa' 54 tal-proċess.
[4] Fol. 57 sa' 69 tal-proċess.
[5] Fol. 78 u 79 tal-proċess.
[6] Fol. 87 sa' 92 tal-proċess.
[7] Fol. 97 sa' 102 tal-proċess.
[8] Fol. 126 tal-proċess.
[9] Fol. 107 sa' 110 tal-proċess.
[10] Fol. 120 sa' 123 tal-proċess.
[11] Dok. "RV" u Dok. "RV1" għandhom Esebit Nru. KA 231/2021, fol. 111 tal-proċess.

Rat li b'Digriet mogħti fit-2 ta' Awwissu 2021, in vista ta' l-ammissjoni ta' l-imputata għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha, il-Qorti ordnat li jitħejja *pre-sentencing* report fil-konfront ta' l-imputata;

Semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Sharlet Fabri mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021[12] u rat il-*pre-sentencing report* imħejji minnha fir-rigward ta' l-imputata markat Dok. "SF" a fol. 175 sa' 219 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tiġi akkużata talli b'diversi atti magħmulin minnha stess, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u cioè talli fix-xahar t'April 2021 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer: (1) kisbet xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha nnifsha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument mhux maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 188(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) għamlet falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-Artikoli 188 et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioè isem fittizju fuq *bank statement* u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingannat, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor għad-dannu ta' Twanny Zammit u/jew persuni u/jew entitajiet oħra u dana bi ksur ta' l-Artikolu 308 u 310(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) għamlet qligħ b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għad-dannu ta' Twanny Zammit u/jew persuni u/jew entitajiet oħra u dana bi ksur ta' l-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; Kif ukoll talli nhar is-16 ta' April 2021 għall-ħabta tal-17:30hrs ġewwa l-ħanut "Hansa Wines and Spirits" fi Triq Barnaba, San Pawl il-Baħar: (v) għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi għad-dannu ta' Noel Scicluna u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (vi) xjentement għamlet użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel dan is-sub-titolu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (vii) b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingannat, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor għas-somma ta' elf Euro (€1,000) għad-dannu ta' Franco Farrugia u/jew persuni u/jew entitajiet oħra u dana bi ksur ta' l-Artikolu 308 u 310(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (viii) għamlet qligħ b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għad-dannu ta' Franco Farrugia u/jew persuni u/jew entitajiet oħra u dana bi ksur ta' l-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; Kif ukoll talli nhar is-16 ta' April 2021 u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer: (ix) xjentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa u cioè cheque book meħud b'qerq jew akkwistat b'reat, jew, xjentement b'kull mod li jkun,

[12] Fol. 172 sa' 174 tal-proċess.

indaħlet biex tbiegħ jew tmexxih u dana bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; Finalment akkużata wkoll talli fix-xahar ta' April 2021 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer: (x) naqset milli tħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqha nhar il-11 ta' Ottubru 2012 b'Digriet mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. u sussegwentement emendat nhar is-17 ta' Marzu 2016 mill-Onor. Imħallef Antonio Mizzi LL.D. u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (xi) naqset milli tħares xi waħda, u/jew aktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqha nhar l-10 ta' Novembru 2019 b'Digriet mill-Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera LL.D. u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob ukoll li f'każ ta' ħtija, il-Qorti tittratta ma' l-imputata bħala reċidiva ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-proċess u li ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat bid-Digrieti imsemmija fl-għaxar u fil-ħdax il-imputazzjoni, jiġi konfiskat a favur il-Gvern ta' Malta.

Inizjalment l-imputata wieġbet li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha u konsegwentement il-Prosekuzzjoni għaddiet biex tibda tressaq il-provi tagħha in sostenn ta' dawn l-istess imputazzjonijiet hekk dedotti kontra l-imputata. Sas-seduta tat-2 ta' Awwissu 2021, il-Prosekuzzjoni laħqet ressqet bħala xhieda lill-Ispettur Jonathan Ransley, lill-Ispettur Godwin Scerri u l-Ispettur Ryan Vella, lil Anthony Zammit, Franco Farrugia u Noel Scicluna u lil rappreżentant ta' Epic Communications Limited Charmaine Zammit. Fl-imsemmija seduta tat-2 ta' Awwissu 2021, l-imputata rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha.

Minn dawn il-provi essenzjalment jirriżulta li l-imputata ma kenitx il-moħħ wara l-kwadru ikbar ta' frodi li b'mod partikolari safa' vittma tiegħu Anthony Zammit u li l-gwadan finanzjarju li għamlet l-imputata direttament kien ta' madwar €4,000 fejn jikkonċerna lil Anthony Zammit u ta' madwar €1,000 fejn jikkonċerna lil Franco Farrugia, mentri Noel Scicluna ma bagħtiex zvantaġġ u preġudizzju finanzjarju peress illi kien laħaq imblokka c-cheque book li nsteraqlu qabel ma dan intuża.

Fid-dawl tal-provi li l-Prosekuzzjoni laħqet ressqet sa' l-istadju meta l-imputata irreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha **u** fid-dawl ta' l-ammissjoni da parte ta' l-istess imputata, il-Qorti tqis li l-imputata għandha tinstab ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura ta' l-akkużi dedotti fil-konfront ta' l-imputata u l-involviment ta' l-istess imputata fir-reati in kwistjoni, ħadet in konsiderazzjoni l-Fedina Penali ta' l-imputata iżda anke l-fatt li l-istess imputata irreġistrat ammissjoni fi stadju piuttost bikri tal-proċeduri. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll l-*pre-sentencing report* imħejji fir-rigward ta' l-imputata mill-Probation Officer Sharlet Fabri. Fl-imsemmi *pre-sentencing report* il-Probation Officer Sharlet Fabri ikkonkludiet u irrakomandat is-segwenti: *Nikita McAnally qed tiġi akkużata b'diversi reati ta' frodi magħmula f'April 2021 u fix-xhur ta' qabel għad-dannu ta' Anthony (Twanny Zammit, Noel Scicluna u Franco Farrugia). Hija għandha Fedina Penali ... li tmur lura għall-2009 filwaqt li nżammet għall-ewwel darba ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin ... fl-2008. Ġewwa din l-istituzzjoni hija kienet suġġetta għal diversi rapporti ta' imġieba. L-ikkonċernata provdiet verżjoni dwar l-involviment*

*tagħha fir-rigward tar-reati li qed tammetti għalihom u stqarret li lesta tħallas lura dak li ħadet. Hija tixtieq ukoll tingħata l-opportunità li tipparteċipa fi proċess ta' medjazzjoni magħhom sabiex tiskuża ruħha mal-vittmi personalment. Nikita McAnally spjegat fid-dettal it-trobbija kaotika, abbużiva u instabbli li ngħatat filwaqt li tkellmet dwar it-tfulija li ġiet misruqa lilha. Hija weldet lil bintha Tessa Faith f'Diċembru 2020 wara li nqabdet tqila kontra l-volontà tagħha. McAnally spjegat li sabet ħafna bsaten fir-roti biex tikkoopera mal-professjonisti matul it-tqala, u fid-dawl ta' l-istil ta' ħajja tagħha, tat lil bintha lill-awtoritajiet hekk kif twieldet. Madanakollu, preżentament għaddejja battalja legali sabiex tipprova tiżgura d-dritt tagħha li jkollha aċċess għal bintha. L-istorja ta' Nikita mas-sustanzi tmur lura diversi snin, fejn ħadet l-ewwel sigarett tagħha meta kellha seba' snin, użat il-kokaina għall-ewwel darba meta kellha tnax-il sena, u misset ma' l-eroina fl-età ta' sbatax-il sena. Attentati preċedenti biex issegwi programm ta' rijabilitazzjoni ma kienux ta' suċċess ... filwaqt li ttestjat fil-pożittiv għal sustanzi lleċiti kemm-il darba ġewwa l-ħabs stess. Hija kellha wkoll ħdax-il ammissjoni ġewwa l-Isptar Monte Carmeli. McAnally aċċennat għal diversi persuni li ħallew impatt fuqha, kemm pożittiv kif ukoll negattiv. Saru wkoll intervisti ma' Raymond Steven Sparks li hija ddeskriviet bħala "the closest thing to a family" u Dr. Edgar Montanaro li huwa l-Prokuratur Legali tagħha. L-aspett edukattiv bata fl-isfond ta' dak kollu li Nikita McAnally ġiet esposta għalih, minkejja li kienet tattendi skola privata u kienet iġġib marki tajbin. Ma jidhirx li l-imputata qatt kienet reġistrata bħala persuna li taħdem bi qligħ. Hija ilha miżmuma taħt arrest preventiv sa' mis-7 ta' Mejju 2021 fejn jidher li qed timpenja ruħha biex tindirizza diversi trawmi tal-passat u wkoll tutilizza l-ħin tagħha b'mod għaqli fejn fost oħrajn qiegħda tikteb ħafna, tieħu lezzjonijiet tal-performing arts u taħdem fil-qasam tal-manutenzjoni. Pjan ta' Kura - Kemm Nikita McAnally stess kif ukoll dawk kollha mitkellma fosthom l-Ispetturi, il-professjonisti li jaħdmu magħha u anke nies qribha esprimew il-ħsieb li preżentament Nikita McAnally mhix attrezzata sabiex tirritorna lura fis-soċjetà u għaldaqstant huma tal-fehma li tingħata piena karċerarja bil-ħsieb li tirriforma ruħha. Għalhekk, ikun għaqli jekk għalissa Nikita McAnally tibqa' tinżamm f'ambjent ikkontrollat sabiex minn hemmhekk tkun tista' ssegwi programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga. Ikun ta' benefiċċju wkoll jekk hija tkompli ssostni s-sessjonijiet mal-psikologa sabiex tkompli ittejjeb l-atteġġjament tagħha u tissaħħah f'kull aspett. Rakkomandazzjoni - Fid-dawl ta' l-informazzjoni miġbura għall-fini ta' dan ir-rapport flimkien ma' l-ammissjoni ta' l-imputata u l-pjan ta' kura li ġie mfassal magħha u mal-professjonisti l-oħra involuti, qed jiġi umilment issuġġerit li din l-Onorabbli Qorti tikkunsidra sentenza li fiha tinkorpora kemm aspett punittiv kif ukoll ordni fil-komunità. Dan bil-għan li Nikita McAnally ssegwi programm ta' rijabilitazzjoni waqt li tkun qed tiskonta piena karċerarja, izda fl-istess ħin ikollha gwida u punt ta' referenza ġaladarba tirritorna lura fis-soċjetà.*

Dejjem għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni s-segwenti fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputata: l-fatt li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni u li r-raba' imputazzjoni hija alternattiva għat-tielet imputazzjoni. Il-fatt li l-ewwel imputazzjoni tiġi assorbita fit-tielet imputazzjoni. Il-fatt li t-tmien imputazzjoni hija alternattiva għas-seba' imputazzjoni u li l-ħames u s-sitt imputazzjoni huma assorbiti fis-seba' imputazzjoni. Il-fatt li d-disa' imputazzjoni hija mezz għall-fini għar-reati kontemplati u previsti fil-ħames, sitt u seba' imputazzjonijiet.

In kwantu rigwarda l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'mod partikolari fejn jirrigwarda l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta ta' l-ammont stabbiliti fil-ħelsien

mill-arrest taħt garanzija fid-Digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman datat 11 ta' Ottubru 2012 kif in segwitu emendat b'Digriet tal-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Antonio Mizzi datat 17 ta' Marzu 2016 **u** fid-Digriet mogħti mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera datat 10 ta' Novembru 2019, jiġi osservat li dan l-Artikolu tal-Liġi in segwitu għall-emendi introdotti bl-Att XXIX ta' l-2021, illum ġie jaqra hekk: *Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa' sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u* ***l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skond kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat***[13]**.**

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta li l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta hija tassattiva iżda l-Qorti għandha d-diskrezzjoni tordna li l-istess tkun fl-intier tagħha jew in parte, u dana skond il-gravità tar-reat in kwistjoni. Jiġi rilevat li fil-każ in eżami, in kwantu l-imputata qed tiġi akkużata bil-ksur tal-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest *qua* reat, il-provvedimenti tal-*proviso* ta' l-Artikolu 579(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsibux applikazzjoni. Jiġi rilevat ukoll li l-Prosekuzzjoni ma hijiex qed titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' l-imputata.

Fil-każ in eżami, hekk kif jirriżulta wkoll mill-provi li laħqet ressqet il-Prosekuzzjoni, l-imputata ma kenitx il-moħħ wara ċ-ċirku ta' frodi li sfaw vittmi tiegħu Twanny Zammit u Franco Farrugia. Jirriżulta wkoll li fil-kuntest tas-sitwazzjoni kollha, fejn biss biss Twanny Zammit ġie iffrodat madwar €90,000, l-imputata ibbenefikat direttament mis-somma ta' €4,000 biss. Noel Scicluna imbagħad ma bata l-ebda preġudizzju finanzjarju għaliex kien laħaq imblokka c-cheque book qabel ma dan beda jiġi utilizzat. Jirriżulta wkoll li l-imputata hija disposta tħallas lura l-ammonti ta' flus li hija ħadet kemm fir-rigward ta' Twanny Zammit kif ukoll fir-rigward ta' Franco Farrugia.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, il-Qorti ma tqisx li għandha tordna l-konfiska ta' l-ammont kollu rispettivament stabbilit fid-Digrieti imsemmija, ossia fid-Digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman datat 11 ta' Ottubru 2012 kif in segwitu emendat b'Digriet tal-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Antonio Mizzi datat 17 ta' Marzu 2016 **u** fid-Digriet mogħti mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera datat 10 ta' Novembru 2019, iżda għandha biss tordna l-konfiska ta' parti mid-depożitu li kien ġie stabilit f'kull wieħed minn dawn id-Digrieti - u cioè tordna: (i) il-konfiska tas-somma ta' elf Euro (€1,000) mid-depożitu ta' ħamest elef Euro (€5,000) stabbilit fid-Digireit għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) prejseduta mill-Maġistrat Miriam Hayman datat 11 ta' Ottubru 2012. Għalkemm dan id-Digriet kien ġie emendat b'Digriet tal-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Antonio Mizzi datat 17 ta' Marzu 2016, il-varjazzjoni ma kenitx teffetta l-ammont stabbilit bħala depożitu; u tordna: (ii) il-konfiska tas-somma ta' tlett mitt Euro (€300) mid-depożitu ta' ħames mitt Euro (€500) stabbilit fid-Digiriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera datat 10 ta' Novembru 2019.

[13] Enfasi tal-Qorti.

Hawn il-Qorti tosserva li una volta li l-konfiska se tkun biss ta' parti mid-depożiti ta' €5,000 u €500 rispettivament imposti bid-Digrieti tal-11 ta' Ottubru 2012 u ta' l-10 ta' Novembru 2019, sabiex l-imputata tkun tista' tkompli tibbenefika mill-ħelsien mill-arrest lilha konċessi bl-imsemmija Digrieti wara tali konfiska parzjali tad-depożiti in kwistjoni, hija jkollha terġa tiddepożita l-ammonti hekk konfiskati ossia l-ammonti ta' €1,000 u ta' €300. Fin-nuqqas li tagħmel dan l-imputata ma tkunx qed jottempera ruħha ma' dak fuqha impost għall-finijiet tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest konċess bl-imsemmija żewġ Digrieti u b'hekk tkun qed tirrendi lilha nnifsha soġġetta għar-riarrest tagħha sakemm tiġi hekk in ottemperanza mal-benefiċċji tal-ħelsien mill-arrest lilha konċessi.

Għal dawn ir-raġunijiet, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata in kwantu alternattiva għall-ewwel imputazzjoni dedotta kontriha, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni dedotta kontra l-imputata in kwantu alternattiva għat-tielet imputazzjoni dedotta kontriha u tastjeni ukoll milli tieħu konjizzjoni tat-tmien imputazzjoni dedotta kontra l-imputata in kwantu alternattiva għas-seba' imputazzjoni dedotta kontriha, wara li rat u ikkunsidrat l-Artikoli 17(b)(h),18, 31, 49, 50, 183, 184, 188(2), 308, 310(b) - inkluż il-proviso ta' l-istess - 334(a) u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputata ħatja ta' l-ewwel, it-tielet, il-ħames, is-sitt, is-seba', id-disa', l-għaxar u l-ħdax il-imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha u tikkundannaha għall-perijodu ta' tlett (3) snin priġunerija effettiva, mingħajr reklużjoni.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna: (i) il-konfiska tas-somma ta' elf Euro (€1,000) mid-depożitu ta' ħamest elef Euro (€5,000) stabbilit fid-Digireit għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) prejseduta mill-Maġistrat Miriam Hayman datat 11 ta' Ottubru 2012, kif emendat b'Digriet tal-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Antonio Mizzi datat 17 ta' Marzu 2016; u tordna: (ii) il-konfiska tas-somma ta' tlett mitt Euro (€300) mid-depożitu ta' ħames mitt Euro (€500) stabbilit fid-Digiriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera datat 10 ta' Novembru 2019.

Peress illi mill-*pre-sentencing report* fir-rigward ta' l-imputata mħejji mill-Probation Officer Sharlet Fabri jirriżulta li l-impuata għandha problema serja ta' abbuż ta' droga, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-istess imputata taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' ħames (5) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Dan l-Ordni ta' Trattament qed jiġi magħmul għall-fini li l-imputata tingħata it-trattament u kura kollha meħtieġ sabiex tirriabilita ruħha mill-vizzju tad-droga li hija għandha, inkluż li tiġi segwita minn Psikologa.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqha bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tagħha kif ukoll ir-responsabilità tagħha f'każ li ma tikkonformax ruħha ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tagħha, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħalha ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-imputata: (i) tħallas lil Anthony (Twanny) Zammit is-somma ta' €4,000, liema ħlas għandu jiġi effettwat permezz ta' tnax-il (12) pagament mensili konsekuttiv ta' €333.33, bl-ewwel pagament isir dovut xahar wara d-data li fiha l-imputata tiskonta il-piena ta' tlett (3) snin priġunerija imposti fuqha b'din is-sentenza u l-pagamenti sussegwenti jiġu effettwati kull xahar b'mod konsekuttiv sal-ħlas intier tas-somma ta' €4,000; u tordna lill-imputata wkoll: (ii) tħallas lil Franco Farrugia s-somma ta' €1,000, liema ħlas għandu jiġi effettwat permezz ta' tnax-il (12) pagament mensili konsekuttiv ta' €83.33, bl-ewwel pagament isir dovut xahar wara d-data li fiha l-imputata tiskonta l-imsemmija piena ta' tlett snin priġunerija imposti fuqha b'din is-sentenza u l-pagamenti sussegwenti jiġu effettwati kull xahar b'mod konsekuttiv sal-ħlas intier tas-somma ta' €1,000.

Ai termini ta' l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputata tħallas lir-Reġistratur is-somma ta' €76.82 rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni mal-ħatra ta' Dr. Katya Vassallo għall-fini tat-traskrizzjoni ta' l-istqarrija awdjo-viżiva ta' l-istess imputata.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti ta' dawn il-proċeduri flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Trattament maħruġ bid-Digriet datat 25 ta' Novembru 2021, jiġu notifikati lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**